# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111     Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt        Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 39

Data tal-laqgħa: 2 t' Awwissu, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 2 t'Awwissu 2021 fis-1.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Christopher Fenech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-1.40p.m. billi ntqalet it-talba.

**39/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**39/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Christopher Fenech biex jiġi skuzat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala Assenti b'appoloġija.

**39/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 38**

**39/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**39/02/02** **Para 38/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet żewġ stimi oħra għal *camera* fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**39/02/03** **Para 38/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**39/02/04** **Para 38/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki għandna laqgħa mal-Onor. Dr Clifton Grima l-Erbgħa, 4 t'Awwissu 2021.

**39/02/05** **Para 38/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba tagħna biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola ma smajna xejn

**39/02/06** **Para 38/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-lum ma għandniex risposta fuq l-għelieqi abbandunati u li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**39/02/07** **Para 38/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna l-Inġinier jonqsu jibgħat xi dokumenti.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**39/02/08** **Para 38/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ERA oġġezzjonat fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl u li Perit Chris Grech ser jipprova jsib soluzzjoni. Is-Sur Abraham Aquilina qal li jekk ma tinstabx soluzzjoni nfittxu l-Infrastructure Malta.

**39/02/09** **Para 38/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-*expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata ma smajna xejn.

**39/02/10** **Para 38/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**39/02/11** **Para 38/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward il-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero, skont l-Awtorità tal-Ippjanar is-sid obbligat li jagħmel bankina ġdida u li jimxi mal-linja tal-bini.

**39/02/12** **Para 38/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**39/02/13** **Para 38/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**39/02/14** **Para 38/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex issir *sleeping police* fi Triq Caravaggio sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq.

**39/02/15** **Para 38/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejna xejn fuq il-permess PA2413/09 sabiex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**39/02/16** **Para 38/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjura Nathalie Micallef lestiet it-tpinġija mal-ħitan ta' Ġnien il-Paċi.

**39/02/17** **Para 38/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandhom jiġu tal-Public Works rigward *gutter* li hemm antik u ma huwiex qed ilaħħaq mal-ilma fi Triq il-Ġdida, Sqaq Numru 1.

**39/02/18** **Para 38/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *bollard* tal-ħadid għal l-isqaq fi Sqaq Charlotte.

**39/02/19** **Para 38/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat ma' Transport Malta sabiex jitpoġġew tabelli '*Drive Slow*' kif ukoll żewġ tabelli bil-ġranet u l-ħinijiet fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tas-*Searchlight battery*) bħala parti mill-proġett Slow Streets.

**39/02/20** **Para 38/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing and Maintenance Division għadhom ma għaddewniex l-4 bankijiet.

**39/02/21** **Para 38/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi għal bini ta' bankina ħdejn iċ-ċimiterju fi Triq San Ġwann.

**39/02/22** **Para 38/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta sabiex tapprova *motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court.

**39/02/23** **Para 38/02/33:** Is-Sindku ssuġġerit li nitolbu l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti lis-Superjur tal-Museum.

**39/02/24** **Para 38/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


| | |
|---|---|
| **39/02/25** | **Para 38/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex isiru *sleeping police* qrib Fairytales & Fables childcare centre fi Sqaq Ħofra. |
| **39/02/26** | **Para 38/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sindku ser tipprova tagħmel kuntatt ma' sid l-art li għandu siġar li qed jagħmlu ħsara fi Triq Santa Katerina. |
| **39/02/27** | **Para 38/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ir-Reġjun Tramuntana se jagħtina Automatic External Defibrillator (AED). |
| **39/02/28** | **Para 38/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill Lokali ser jippreżenta bye-law li tipprojbixxi għalf lill-ħamiem. |
| **39/02/29** | **Para 38/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Prokuratur Legali Christine Caruana Aquilina B.A., L.P. ma aċċettatx li tikteb artikolu fil-fuljett Leħen il-Kunsill dwar is-Sur Carmel S. Aquilina. |
| **39/02/30** | **Para 38/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ u tranġar ta' ħajt bil-kantun fi Triq Għaxqet l-Għajn sar. |
| **39/02/31** | **Para 38/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex tkun tista' ssir bollard fid-daħla fejn sar passaġġ bil-*yellow lines* fi Sqaq nru 2 Triq Mons Luigi Catania. |
| **39/02/32** | **Para 38/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta biex isir linja bajda fin-nofs ta' Triq Caravaggio. |
| **39/02/33** | **Para 38/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella 'Merħba Għargħur' fi Triq Santa Katerina ser tinbidel mill-HSBC. |
| **39/02/34** | **Para 38/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta biex isir passaġġ bil-*bollards* peress li hemm persuna li qed issib diffikultà biex tidħol bil-*wheelchair* fuq iż-żuntier tal-knisja. |
| **39/02/35** | **Para 38/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob il-clearance mic-CRPD sabiex parti mit-taraġ tal-ewwel sulur ta' Ġnien il-Paċi jiġi nofsu taraġ u nofsu rampa. |
| **39/02/36** | **Para 38/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mis-sid 'Ta' Berta' fi Triq K. Zarb jekk isibx oġġezzjoni li jeħel fanal fuq il-bieb tal-lukanda. |
| **39/02/37** | **Para 38/02/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat bozza ġdida ma' arblu eżistenti quddiem l-Oratorju. |
| **39/02/38** | **Para 38/02/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi. |
| **39/02/39** | **Para 38/02/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta biex isir *double yellow lines* ħdejn u faċċata tal-garaxx kif ukoll *'Keep Clear'* fil-bidu tal-isqaq numru 1 fi Triq San Ġwann. |
| **39/02/40** | **Para 38/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiċċekkja jekk tistax issir bozza mal-ħajt fi Sqaq tal-Ferħa. |
| **39/02/41** | **Para 38/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna palju mingħand is-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew. |
| **39/02/42** | **Para 38/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna bnadar ġodda. |

**39/02/43** **Para 38/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat mal-ERA għaż-żbir tas-siġar kollha ta' Vjal ir-Repubblika.

**39/02/44** **Para 38/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se napplikaw mal-Malta Tourism Authority għall-permess tal-attività li ser issir fl-20 t'Awwissu 2021 (minflok l-attività ta' Jum il-Għargħur).

**39/02/45** **Para 38/05/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li nkellmu lil Heritage Malta jew lil Din l-Art Ħelwa rigward il-ħsara li tista' ssir lil pont ta' Wied id-Dis. Minn naħa l-oħra s-Sur Carl Grech issuġġerixxa li ngħidu lil Perit tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**39/02/46** **Para 38/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella ta' *sleeping police* fi Triq Fidiel Zarb.

**39/02/47** **Para 38/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tistqsi lir-residenti jekk iridux *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**39/02/48** **Para 38/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq Excelsior is-sinjal 'STOP ġie mal-linja u żidna kaxxa bajda.

**39/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**39/03/01** Is-Sindku qalet li ser tmur tara xi tifkiriet li nistgħu nixtru għal *'Ġieħ il-Għargħur'*. Kien hemm qbil unanimu.

**39/03/02** Is-Sindku spjegat li l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-latrina naqas f'diversi okkazjonijiet u talbet li servizz tiegħu jiġi tterminat. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-SE ser tiġbor il-*quotations*.

**39/03/03** Is-Sindku resqet li intervisti għal Vakanza ta' skrivan isiru malajr kemm jista' jkun.

**39/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**39/04/01** Ma kienx hemm.

**39/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**39/05/01** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – L-applikant applika għal 1.5m Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay ħdejn 37, Triq Mons Luigi Catania.

**39/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) – Direttiva 3/2021 *Per Diem Applikabbli għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi.*

**39/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 7 ta' Lulju 2021).

**39/05/04** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta fejn it-Taqsima għall-Immmaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta approvat Parkeġġ Riservat fi Triq Vendome.

**39/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 14 ta' Lulju 2021).

**39/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 21 ta' Lulju 2021).

**39/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn resident – Rain water control.

**39/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Lulju 2021).

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**39/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-ERA – *Urgent Reminder*: Ittra ddattata 18 ta' Mejju rigward *Recycling Points* tweġibiet pendent.

**39/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li qed jitlob li jitpoġġew żewġ *bollards* quddiem il-bieb tad-dar tiegħu fi Triq Fidiel Zarb, dan sabiex ikun jista' jidħol u joħroġ mingħajr problemi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**39/05/11** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li kenniesa mhux qed jikinsu Sqaq Charlotte sa ġewwa.

**39/05/12** Is-Sa. Hassan qalet li rċeviet rikjesta biex titwaħħal plakka kommemorattiva fuq bank li jkun sponsorjat fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**39/05/13** Is-Sa. Hassan qalet li ħaddiema assenjati mal-Kunsill jeħtieġ li jirranġaw ic-*central strip* ta' ħdejn ir-roundabout ta' Triq Caravaggio.

**39/05/14** Is-Sur Aquilina qal biex nippruvaw li l-fuljett tal-Kunsill ikun lest sal-festa.

**39/05/15** Is-Sur Aquilina spjega li l-ktieb li qed jikteb is-Sur Ronnie Gauci fuq San Bert ser ikun lest fi xhur li ġejjin.

**39/05/16** Is-Sur Aquilina qal biex infittxu noħorġu sejħa għal *Architectural lighting*.

**39/05/17** Is-Sur Aquilina qal li l-kenniesa mhux qed jikinsu Triq Santa Katerina (direzzjoni Swieqi).

**39/05/18** Is-Sa. Hassan resqet li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jirranġaw il-kaptelli ta' fuq il-bankini ta' Triq Caravaggio.

**39/05/19** Is-Sur Aquilina ressaq li nħallsu l-*invoice* ta' dokumentarju vidjografiku. Kien hemm qbil unanimu.

**39/05/20** Is-Sur Aquilina qal li dokumentarju vidjografiku dwar Personaġġi Għargħurin intlaqa' tajjeb.

**39/06** **Ħatra tal-Bord tas-Selezzjoni – Vakanza għal skrivan fuq bażi full-time skala 15**

**39/06/01** Ġie deċiż li Bord tas-Selezzjoni ikun kompost mis-Sindku, Viċi Sindku, is-Sur Carl Grech u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament.

**39/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**39/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**39/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**39/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-2:35p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Settembru 2021 fis-1:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**